

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-27 ta' Settembru 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-First-tier Tribunal (Tax Chamber) (ir-Renju Unit) — Field Fisher Waterhouse LLP vs Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

(Kawża C-392/11) ⁽¹⁾

(VAT — Eżenzjoni fuq kiri ta' beni immobbli — Kiri ta' superfiċi kummerċjali — Servizzi marbuta mal-imsemmija kirja — Kwalifikazzjoni tat-tranżazzjoni għall-finijiet tal-VAT — Tranżazzjoni kkostitwita minn servizz uniku jew minn servizzi indipendenti)

(2012/C 366/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviju

First-tier Tribunal (Tax Chamber)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Field Fisher Waterhouse LLP

Konvenut: Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — First-tier Tribunal (Tax Chamber) — Interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Eżenzjonijiet favur attivitajiet oħra — Portata tal-eżenzjoni tal-VAT fuq il-kiri ta' beni immobbli — Inklużjoni tal-ispejjeż ta' ċerti servizzi għall-użu u għall-manutenzjoni tal-proprjetà immobbli u tal-partijiet komuni — Kwalifikazzjoni tat-tranżazzjoni, għall-finijiet tal-VAT, bħala servizz wieħed jew bħala servizzi indipendenti — Interpretazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Ġunju 2009 fil-Kawża C-572/07, RLRE Tellmer Property

Dispożittiv

Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandha tiġi interpretata fis-sens li kiri ta' beni immobbli u l-provvisti ta' servizzi marbuta ma' dan il-kiri, bħal dawk fil-kawża prinċipali, jistgħu jikkostitwixxu servizz uniku għal dak li jirrigwarda t-taxxa fuq il-valur miżjud. F'dan ir-rigward, id-dritt mogħti lil sid il-kera fil-kuntratt ta' kiri li jirrexindi l-kuntratt fil-każ li l-lokatarju jonqos milli jħallas l-ispejjeż lokatizji jkkostitwixxi indikazzjoni li timmilita favur l-eżistenza ta' servizz uniku, minkejja li dan ma jkkostitwixxix, neċessarjament, l-element determinanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' tali servizz. Min-naħa l-oħra, iċ-ċirkustanza li servizzi, bħal dawk fil-kawża prinċipali, jistgħu, bħala prinċipju, jiġu pprovduti minn terzi, ma tagħtix lok li jiġi konkluż li dawn ma jistgħux jikkostitwixxu, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, servizz uniku. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tistabbilixxi jekk, fid-dawl tal-elementi ta' inter-

pretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza preżenti u fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-imsemmija kawża, it-tranżazzjonijiet ikkonċernati huma marbuta bejniethom b'tali mod u manjiera li għandhom jitqiesu bħala li jkkostitwixxu servizz uniku ta' kiri ta' beni immobbli.

⁽¹⁾ ĠU C 282, 24.09.2011.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-4 ta' Ottubru 2012 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja

(Kawża C-403/11) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2000/60/KE — Pjanijiet għall-immaniġġjar tad-distrett tal-baċin tax-xmara — Pubblikazzjoni u notifika lill-Kummissjoni — Informazzjoni u konsultazzjoni pubblika — Assenza)

(2012/C 366/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn I. Hadjiyannis u G. Valero Jordana, sussegwentement minn B. Simon, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: A. Rubio González, aġent)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 13(1),(2),(3) u 6, 14(1)(ċ), u 15(1) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2000, li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 275) — Pjanijiet għall-immaniġġjar tad-distrett tal-baċin tax-xmara — Informazzjoni u konsultazzjoni pubblika — Notifika ta' dawn il-pjanijiet ta' immaniġġjar

Dispożittiv

(1) Ir-Renju ta' Spanja:

— meta ma adottatx, fit-22 Diċembru 2009, il-pjanijiet ta' immaniġġjar tad-distrett tal-baċin tax-xmara, ħliet fil-każ tad-distrett tal-baċin tax-xmara tal-Cataluña, u meta ma nnotifikatx lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri l-oħra kkonċernati, sat-22 ta' Marzu 2010, kopja ta' dawn il-pjanijiet, skont l-Artikoli 13(1) sa (3) u 6, kif ukoll 15(1) tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2000, li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, kif emendata bid-Direttiva 2008/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2008, u